# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' April, 2024.**

**Numru 17**

**Rikors numru 418/18/1 MH**

**Avv. Dr Anthony Cremona bħala mandatarju speċjali ta' Matteo Volpi**

**v.**

**BetaCorp International Limited (C-77773)**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza preliminari tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta, prinċipalment dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Billi l-mertu għadu ma nstemax, l-allegazzjonijiet esposti fir-Rikors Ġuramentat għadhom biss allegazzjonijiet. Id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija (neċessarjament f'dan l-

istadju) ibbażata fuq dawn l-allegazzjonijiet. Biex il-kwistjoni bejn il-partijiet tinftihem aħjar, din il-Qorti sejra tibda' billi tirrakkonta fil-qosor kemm jista' jkun il-fatti kif allegati:

**Fatti allegati**

2. Gabriele Volpi, missier l-attur, huwa negozjant Niġerjan imwieled l-Italja, b'ċittadinanza Taljana u Niġerjana, u mhux domiċiljat f'Malta.

3. Gabriele Volpi, bħala Settlor, ittrasferixxa l-beni li kienu jiffurmaw il-biċċa l-kbira tal-grupp ta' kumpaniji tiegħu fi tlett *trusts*. Skont it-termini tal-Instrumenti tagħhom, li huma prattikament identiċi, Delanson Services PTC, kumpanija inkorporata fir-Repubblika tal-Panama, irridomiċiljata l-Bahamas u wara reġistrata bħala kumpanija fi New Zealand, inħatret *Trustee.*

4. Il-benefiċċjarji huma Gabriele Volpi, martu Rosi Volpi, u wliedhom u dixxendenti tagħhom.

5. It-*Trusts* ġew imwaqqfa skont il-liġi tal-Bahamas. Kull litiġju kellu jiġi riferut għall-arbitraġġ u kull litiġju li ma setax jiġi hekk sottomess kien soġġett għall-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Qorti fejn it-*Trust* ikollu l-uffiċċju reġistrat (Il-Bahamas).

6. It-*Trustee,* fuq struzzjonijiet ta' Gabriele Volpi bħala *Settlor*, ittrasferiet l-assi tat-*Trusts.* Gabriele Volpi ttrasferixxa dawn l-assi lill-konvenuta f'Malta, imbagħad ittrasferixxa l-ishma tiegħu fil-konvenuta lil *The Sera Foundation*. Is-soċjetà konvenuta hija reġistrata skont il-Liġijiet ta' Malta sa mill-24 ta' Ottubru 2016. Bejn l-24 ta' Ottubru 2016 u s-26 ta' Lulju 2017, Gabriele Volpi kien l-uniku azzjonist ta' din is-soċjetà.

Matteo Volpi huwa wieħed mill-ulied ta' Gabriele Volpi. Għandu ċittadinanza Taljana u Niġerjana u jgħix fl-esteru (aktarx l-Ingilterra). Matteo fetaħ proċeduri ta' Arbitraġġ kontra *Delanson Services Limited* u Gabriele Volpi. Is-sede tal-arbitraġġ kienet fil-Bahamas.[1]

7. Skont ir-Risposta tal-Appell tal-attur, l-arbitraġġ ġie parzjalment konkluż fit-13 ta' Ġunju 2020 – qabel ma ngħatat is-sentenza tal-Prim'Awla fis-26 ta' Marzu 2021. Il-lodo stabbilixxa illi "*the Distributions to Gabriele were made in breach of trust and for an improper purpose, constituted a fraud on the power, and were void*"[2]; illi "*the declaratory relief sought by the claimant that 'all assets distributed to Gabriele by Delanson and their proceeds (and, to the extent that they are retained by him, are) held by him on trust for the trustee of the Trusts' under his prayer (1)(i) is granted*"; u illi "*the relief sought by the Claimant for 'an order*

[1] Fol. 267.
[2] Paġna 4 tar-risposta tal-Appell.

*setting aside the Distributions and Termination of Trusts on 13 January 2017' under his prayer (3) is granted*"; illi "*the first Respondent acted in a manner that went beyond the scope inherently contemplated or justified by the Trust Deeds, and did not consider the interests of all the beneficiaries before exercising its discretion and the considerations allegedly behind its decision were irrelevant and/or improper, in breach of its fiduciary duty, thereby rendering the October 2016 distributions to the Second Respondent and the dissolution of the Trusts void*". Fi kliem ieħor l-Arbitraġġ iddeċieda li d-Distribuzzjonijiet u x-xoljiment tat-tliet *Trusts* huma nulli.

**Talbiet**

8. Matteo Volpi talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "a. tiddikjara li l-akkwist tal-assi tat-Trusts mis-soċjeta' konvenuta huwa wieħed ħażin, abbużiv u kontra l-liġi;
>
> b. tiddikjara li kawża tad-distribuzzjonijiet li saru minn Delanson Services bi ksur tat-*trust* u tal-obbligi fiduċjarji tagħha is-soċjeta' konvenuta qegħda żżomm assi jew proprjeta' fil-pussess tagħha bħala fiduċjarja ai termini tal-liġi tal-Bahamas u l-liġi ta' Malta;
>
> ċ. tiddikjara li kawża tad-distribuzzjonijiet li saru minn Delanson Services bi ksur tat-*trust* u tal-obbligi fiduċjarji tagħha is-soċjeta' konvenuta qegħda żżomm assi jew proprjeta' fil-pussess tagħha ukoll fuq *bare trust/resulting trust* ai termini tal- liġi tal-Bahamas u l-liġi ta' Malta;
>
> d. tiddikjara li kawża tad-distribuzzjonijiet li saru minn Delanson Services bi ksur tat-*trust* u tal-obbligi fiduċjarji tagħha is-soċjeta' konvenuta qegħda żżomm assi jew proprjeta' fil-pussess tagħha ukoll bħala *trustee* kostruttiv ai termini tal-liġi tal-Bahamas u l-liġi ta' Malta;

e. tordna lis-soċjeta' konvenuta sabiex ma tiddisponix mill-assi ai termini tal-liġi tal-Bahamas u l-liġi ta' Malta;

f. tordna lis-soċjeta' konvenuta tirritorna l-assi tat-Trusts oriġinali;

ġ. fin-nuqqas tordnalha sabiex tibqa' żżomm dawk l-assi bħala fiduċjarja skont it-termini oriġinali tat-Trusts;

ħ. f'każ li l-assi mhumhiex fil-pussess tagħha s-soċjeta' konvenuta għandha tgħid fejn dawn jinsabu u tagħti rendikont sħiħ tal-valur tagħhom;

i. jekk hija pperċepiet profitti, flejjes jew dħul minn dawn l-assi hija għandha tagħti rendikont sħiħ tagħhom u tagħti kumpens adegwat".

## Eċċezzjonijiet

9. Betacomp International Limited eċċepiet:

"1. Il-Qorti m'ghandiex il-gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi din il-kawza ai termini tal-Artikolu 8 tal-Att dwar it- Trusts u t-Trustees (Kap 331 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Il-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizjoni tisma' u tiddeciedi din il- kawza in kwantu skond l-istess Rikors Guramentat intavolat mir-rikorrenti (ir- "Rikors Guramentat") din il-kawza tittigwarda tlett trusts (it- "Trusts"), u a tenur tal-paragrafu 27 tal-Istrumenti li jirregolaw it-Trusts esebiti mar-Rikors Guramentat (Dokumenti MV 2.i, MV 2.ii u MV 2.iii rispettivament) kull kwistjoni marbuta mal-istess Trusts ghandha tigi sottomessa lil bord ta' arbitragg u fir-rigward ta' kwistjonijiet illi ma jistghux jigu sottomessi lill arbitragg "the Court having exclusive jurisdiction is the court at the registered office of the Trust , currently the Court of Appeal of the Commonwealth of The Bahamas".

3. Jigi rilevat f'dan ir-rigward illi i) skond il-paragrafu 32 tar-Rikors Guramentat, l-attur diga' pprezenta kawza quddiem il-Qorti Superjuri tal- Bahamas (Sezzjoni tal-Common Law and Equity) fl-ismijiet : Matteo Volpi kontra (1) Delanson Services Limited u (2) Gabriele Volpi (il-"Procedimenti fil-Bahamas") fejn l-Attur qed jitlob rimedju ghalhiex qed isostni illi d-distribuzzjoni tal-assi tat-Trusts saret skond l-istess Attur bi ksur tal-Instrumenti tat-Trusts u ghall-skopijiet irregolari u addirittura illegali ghar-ragunijiet indikati minnhu fil-paragrafi 32.i sa 32.vii tar-Rikors Guramentat u ii) skond il-paragrafu 36 tar-Rikors Guramentat, permezz tal-Procedimenti fil-Bahamas l-attur qed jintavola procedimenti separati kontra Delanson Services Limited ghal ksur ta'

obbligi fiducjarji bhala trustee tat-Trusts u ghal "breach of trust" konsegwenzjali, kif ukoll pretensjonijiet kontra Gabriele Volpi bhala settlor u beneficjarju tat- Trusts sabiex jigu ritornati l-assi kollha li kienu gew mqassma u traferiti lilu mit-trustees.

4. Din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tisma' u tiddeciedi din il-kawza abbazi tal-principju legali *forum non conveniens* stante illi kif jidher mill-fatti allegati fir-Rikors Guramentat u mill-lista tax-xhieda indikati mill-istess Atttur mar-Rikors Guramentat, il- mertu ta din il-kawza ma ghandha l-ebda rabta ma' Malta.

5. Fil-kaz illi din l-Onorabbli Qorti kellha tikkonsidra illi il-Qrati taghna ghandhom gurisdizzjoni jisimghu u jiddeciedu il-mertu tal-kawza, jigi umilment sottomess illi din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex il-kompetenza illi tiddeciedi l-mertu ta' din il-kawza ai termini tal-Artikolu 2 tal-Att dwar it- Trusts u t-Trustees illi jistabilixxi illi l-Qorti kompetenti f'materja ta' trusts hija l-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni Volontarja.

6. Għandu japplika l-principju tal-*lis alibi pendens* fil-kaz odjern in vista tal- Procedimenti fil-Bahamas illi ghalihom hemm riferenza fil-paragrafu 32 u 36 tar-Rikors Guramentat il-mertu ta' liema jimpingi fuq il-mertu ta' dawn il-proceduri.

7. In-nullita' ta' dawn il-proceduri minhabba nuqqas tal-integrita' tal-gudizzju u dan stante illi Delanson Services Limited u Gabriele Volpi m'humhiex parti ghal din il-kawza u huwa manifest u ovvju illi l-Qorti taghna ma tistax tiddikjara kif qed tintalab illi taghmel fit-tieni (2), tielet (3) u raba' (4) talba tar-Rikors Guramentat cioe illi d-distribuzzjonijiet maghmulin minn Delanson Services Limited favur Gabriele Volpi kienu bi ksur ta' trust jekk l-istess Delanson Services Limited u Gabriele Volpi m'humhiex parti tal-proceduri odjerni.

8. Ġaladarba t-Trusts gew itterminati, l-attur ghandhu jipprova x'interess guridiku ghandu u/jew jista' u/jew setgha jkollhu taht il-ligi applikabbli f'Trusts illi skont l-istess Rikors Guramentat huma tat-tip diskrezzjonali.

9. It-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' esponenti huma bbazati fuq il-premessa ili Delanson Services Limited bhala trustee tat-Trusts kissret l- obbligi fiducjarji taghha taht il-ligi applikabbli, liema premessa ma tistghax tigi determinata minn din l-Onorabbli Qorti in kwantu is-socjeta Delanson Services Limited u Gabriele Volpi m'humhiex parti ghal dawn il-proceduri u l-esponenti lanqas ma kienet tezizti fiz-zmien ta' l-allegat ksur da parti ta' Delanson Services Limited.

10. Il-Procedimenti fil-Bahamas f'kull kaz ma jistghux ikollhom effett fil-konfront tas-socjeta' esponenti in kwantu l-istess socjeta esponenti m'hijhiex parti ghall-Procedimenti fil-Bahamas.

11. It-talbiet tal-attur fil-konfront tas-socjeta' esponenti, li huma bbazati fuq il-premessa ulterjuri illi s-socjeta' esponenti ghandha relazzjoni ossija responsabilita' fiducjarja fil-konfront tal-attur u illi kissret obbligi fiducjarji, huma nfondati fi fatt u fi dritt.

12. It-talbiet tal-attur fil-konfront tas-socjeta' esponenti bbazati fuq il-premessa illi s-socjeta esponenti hija "constructive trustee", huma nfondati fi fatt u fi dritt".

10. B'sentenza tas-26 ta' Marzu 2021 il-Prim'Awla ċaħdet l-ewwel seba' eċċezzjonijiet wara li kkunsidrat:

"1. **L-ewwel eċċezzjoni** preliminari tgħid li din il-Qorti ma għandhiex il-ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċiedi din il-kawża ai termini tal-**Artikolu 8 tal- Att dwar it-Trusts u t-Trustees** (Kap 331 tal-Liġijiet ta' Malta).

L-artikolu 8 tal-Att 331 jipprovdi hekk–

"(1) The Courts of Malta shall have jurisdiction where – (a) the trust is a Maltese trust; or

(b) the trustee is resident in Malta or is a trustee authorised by the Authority, or is otherwise constituted in terms of Maltese law; or

(c) any trust property is situated in Malta; or

(d) administration of any trust property is carried on in Malta.

(2) Notwithstanding the provisions of the Code of Organization

Procedure, when the trust instrument contains a provision granting jurisdiction to the courts of the country the law of which expressly governs the trust, the Courts in Malta shall, on demand of any party to the proceedings, provided it is made in limine litis, stay proceedings which may be instituted in Malta in favour and Civil of the chosen forum:

Provided that the court may in any case issue such interim orders for the protection of any interested party as it considers appropriate, and provided further that the court shall enjoy a discretion on whether to stay the proceedings if the trust property consists of immovable property in Malta or the settlor or the beneficiaries are domiciled and resident in Malta.

(3) Subject to the above, the provisions of Sub-title III of Title II of Book Third of the Code of Organization and Civil Procedure (Of Pleas to the Jurisdiction) shall apply".

Fid-dawl ta' dak stabbilit dwar il-mertu tal-kawża odjerna, anke li kieku l-Qorti kellha tapplika dawn ir-riżultanzi fil-kuntest tal-artikolu 8 appena

ċitat, il- konklużjoni xorta kienet tkun li din l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u li din il-Qorti għandha l-ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċiedi dwar il-każ. Dan peress li, kuntrarjament għall-argumenti mressqa mill-istess soċjeta' konvenuta, a tenur ta' l-artikolu 8 tal-Kap 331, diġa' jkunu sodisfatti mill-inqas l-ewwel żewġ sub-paragrafi in kwantu hawn, kif sew premess fir-rikors ġuramentat, si tratta ta' constructive trust li hija Maltija, u li s-soċjeta' konvenuta qua constructive trustee hija mwaqqfa f'Malta u hija residenti f'Malta għalhekk b'hekk tiġi radikata l-ġurisdizzjoni Maltija.

Madankollu għal fini ta' ġurisdizzjoni l-Qorti tqis li hawn huwa applikabbli r- Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali (riformulazzjoni). Is-soċjeta konvenuta tindika f'dan ir-rigward ir-regolament ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Kunsill (EC) Nru.44/2001 preċedenti għal hekk imsejjaħ Recast. Jingħad illi ir-regolament il-ġdid, ir-Recast, sar applikabbli fl-10 ta' Jannar, 2015 mal-Istati Membri kollha.

Fil-kawza fl-ismijiet *Bet-at-Home Entertaiment Limited vs Vectrs S.A.*[3] ingħad dan dwar ir-regolament applikabbli:

> "Illi a priori għandu jingħad illi l-partijiet jaqbblu illi fil-kaz odjern illi l-artikoli appena msemmija mhux applikabbli għal kaz in ezami fis-sens illi l-ġurisdizzjoni applikabbli hija dik regolata ai termini ta' l-artikoliu 7(2) tar-Regolament 1215/2012EC cioe' ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru, 2012 dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi fi kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali minn issa 'l quddiem imsejjħa ir-regolament jew Recast.
>
> Huwa paċifiku illi ir-regolament imsemmi, anke misjuba in common parlance bħala Brussels Recast, huwa applikabbli b'mod dirett f'pajjizna in vista tal-fatt illi Malta bħala Stat Membru ta' Unjoni Ewropea hija direttament milquta bil- provedimenti/regolamenti tiegħu.
>
> Tibda l-Qorti biex tagħmel referenza għal dak li insibu fil prambolu ta' l-istess Regulation dwar l-iskop ta' l-istess Recast-
>
> > "(15) The rules of jurisdiction should be highly predictable and founded on the principle that jurisdiction is generally based on the defendant's domicile. Jurisdiction should always be available on this ground save in a few well-defined situations in which the subject-matter of the dispute or the autonomy of the parties warrants a different connecting factor. The domicile of a legal person must be defined autonomously so as to make the common rules more transparent and avoid conflicts of jurisdiction.
> >
> > (16) In addition to the defendant's domicile, there should be alternative grounds of jurisdiction based on a close connection between the court and the action or in order to facilitate the sound administration of justice. The existence of a close connection should ensure legal certainty and avoid the possibility of the defendant being sued in a court of a Member

[3] Deċiża 19 ta' Ġunju 2-19 600/2-17 MH.

State which he could not reasonably have foreseen. This is important, particularly in disputes concerning non-contractual obligations arising out of violations of privacy and rights relating to personality, including defamation".

M'għandux jkun hemm dubbju li dan il-ftehim bejn l-iStati Membri, illum f'forma ta' regulazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-Ewropa, huwa intiż biex joħloq srtuttura ta' armonizażżjoni f'dik li għandu jkun il-forum appropju fejn isir it-tixlija.

Insibu illi l-Recast Regulation ġie in vigore fl-10 ta' Jannar, 2015. Qabilha fuq l-istess tematika kien hemm il-Brussels I, li ġiet rimpjazzata bir-Recast li bħal il- Konvenzzjoni ta' Lugano5 hija maħsuba ukoll biex tarmonizza l-ġurisdizzjoni appropja fost l-oħrajn f'kwistjonijiet li huma ta' natura ta' Dritt Privat Internazzjonali.

Kif ġia espost fir-Recital tar-Recast ċitat il-prinċipju generali mħaddan fejn si tratta ta' ġurisdizzjoni huwa dak ta' actor sequitur forum rei, ġia bħaż-żewġ regimi legali internazzjonali imsemmija ta' qabblu, għalhekk illi li huwa d- domiċilju tal-mixli li għandu jiddettermina l-forum korett li għandu jkun adit biex jikkonsidra u jiddettermina l-vertenza mressqa.

Għal dan il-prinċipju generali, l-aktar imħaddan f'kwistjonijiet naxxenti minn vertenzi kontrattwali, l-istess Recast taħseb għal hekk imsejjħa special jurisdiction rules li jsegwi li l-ġurisdizzjoni alternattiva ta' lex loci damni li għandha marbuta magħha il-ħsieb tal-prossimita' ta' obbligazzjoni/vertenza ma Stat membru fejn issir ix-xilja, din ir-regola hija waħda maħsuba u sanċita fl- artikolu 7(2) ta' l-istess Recast." (dan mhux l-artikolu applikabbli għal kaz odjern).

Għall-iskop tal-każ odjern isir referenza għall-artikolu 4 (1) tar-Regolament li jipprovdi hekk –

"Soġġetti għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jitressqu quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru".

Issir ukoll referenza għall-artikolu 5 ta' dan ir-Regolament li jipprovdi li–

"1. Persuni domiċiljati fi Stat Membru jistgħu jitressqu quddiem il-qrati ta' Stat Membru ieħor biss bis-saħħa tar-regoli mniżżla fit-Taqsimiet 2 sa 7 ta' dan il- Kapitolu.

2. B'mod partikolari, ir-regoli ta' ġurisdizzjoni nazzjonali li l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni skont il-punt (a) tal-Artikolu 76(1) m'għandhomx japplikaw kontra dawk il-persuni msemmija fil-paragrafu 1".

Il-Qorti tosserva li skont dawn id-disposizzjonijiet, in linea ta' prinċipju ġenerali l-ġurisdizzjoni ta' Qorti fi Stat Membru tibbaża fuq id-domiċilju tal-parti li kontriha tiġi istitwita l-kawża. Dan salv għal eċċezzjonijiet indikati fir-Regolament fit-Taqsimiet 2 sa 7 li pero' mhumhiex applikabbli għall-każ tal-lum stante li l-attur liberament għażel li

jistitwixxi l-kawża odjerna kontra s-soċjeta' domiċiljata hawn Malta a tenur tal-ġurisdizzjoni ġenerali kif stabbilita fl-artikolu 4 tar-Regolament.

Fid-dawl tas-suespost l-Qorti tqis li hija għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tisma' l- każ odjern a bażi tar-Regolament imsemmi u għalhekk m'hemm ebda lok li teżamina d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 742 tal-Kap 12.

Dwar il-generalita' tal-prinċipju li għandu jkun id-domiċilju tal-mixli li jidetermina l-ġurisdizzjoni ingħad dan mill-Qorti tal-Ġustiżja ta' l-Unjoni Ewropeja fid-deċiżjoni fl-ismijiet E.ON Czech Holding AG vs Micheal Dedouch Petr Streitberg, Pavel Suda (Ref : C-560/16) E.C.J. tas-7 ta' Marzu, 2018:

> "26 As regards the general scheme and context of Regulation No 44/2001, it should be recalled that the jurisdiction provided for in Article 2 of that regulation, namely that the courts of the Member State in which the defendant is domiciled are to have jurisdiction, constitutes the general rule. It is only by way of derogation from that general rule that the regulation provides for special and exclusive rules of jurisdiction for cases, which are exhaustively listed, in which the defendant may or must, depending on the case, be sued in the courts of another Member State (judgments of 13 July 2006, Reisch Montage, C-103/05, EU:C:2006:471, paragraph 22, and of 12 May 2011, BVG, C-144/10, EU:C:2011:300, paragraph 30).
>
> 27 Those rules of special and exclusive jurisdiction must accordingly be interpreted strictly. As the provisions of Article 22 of Regulation No 44/2001 introduce an exception to the general rule governing the attribution of jurisdiction, they must not be given an interpretation broader than that which is required by their objective (judgments of 2 October 2008, Hassett and Doherty, C-372/07, EU:C:2008:534, paragraphs 18 and 19, and of 12 May 2011, BVG, C-144/10, EU:C:2011:300, paragraph 30).
>
> 28 As regards the objectives and the purpose of Regulation No 44/2001, it should be recalled that, as is apparent from recitals 2 and 11 thereof, that regulation seeks to unify the rules on conflict of jurisdiction in civil and commercial matters by way of rules of jurisdiction which are highly predictable. That regulation thus pursues an objective of legal certainty which consists in strengthening the legal protection of persons established in the European Union, by enabling the applicant easily to identify the court in which he may sue and the defendant reasonably to foresee before which court he may be sued (judgments of 23April 2009, Falco Privatstiftung and Rabitsch, C-533/07, EU:C:2009:257, paragraphs 21 and 22; of 17 March 2016, Taser International, C-175/15, EU:C:2016:176, paragraph 32; and of 14 July 2016, Granarolo, C-196/15, EU:C:2016:559, paragraph 16).
>
> 29 Furthermore, as is apparent from recital 12 of that regulation, the rules of jurisdiction derogating from the general rule of jurisdiction of the courts of the Member State in which the defendant is domiciled supplement the general rule where there is a close link between the

court designated by those rules and the action or in order to facilitate the sound administration of justice".

L-istess regoli fil-konfront tad-domiċilju huma imħaddna fir-Recast Brussels Regulation.

Għal kompletezza ta' l-argument għalhekk lanqas ma ssib illi ż-żewġ sentenzi lokali ċitati mis-soċjeta' konvenuta hawn isibu applikazzjoni. Dik fl-ismijiet ta' John Muscat vs Patrick Duffy et.[4] kienet vera deċiża fuq nuqqas ta' eżekuzzjoni fil-konfront ta' ħwejjeg li ma kienux jinsabu fi ħdan ġurisdizzjoni maltija (ażżjoni reali). Għalhekk il-Qorti qalet li jekk almenu il-konvenut ma kellux domiċilju Malti, pero kien neċessarju li sentenza setgħet tista tiġi hawn eżeġwita. Kien jispetta lil attur li bil-provi juri dan. Ta' l-istess ħsieb dak li ngħad fid-deċiżjoni fl-ismijiet Av. Philip Manduca noe vs Av. Dr. Mark Chetcuti[5] tal-5 ta' Frar, 1993, trattandosi ta' mobbli jew imobbli, l-oġġett tal-vertenza ried bilfors jinsab fi ħadn il-ġurisdizzjoni nostrana. Pero kif ġia ġie premess il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni hawn hija kkonsidrata mill-ottika tar- Recast.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel eċċezzjoni preliminari qegħda tiġi miċħuda.

2. **It-tieni eċċezzjoni** preliminari tgħid li din il-Qorti ma għandhiex il-ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi l-kawża odjerna in kwantu din **tirrigwarda tlett trusts li a tenur tal-Istrumenti li jirregolawhom, kull kwistjoni marbuta magħhom għandha tiġi sottomessa lil bord ta' arbitraġġ** u fir-rigward ta' kwistjonijiet illi ma jistgħux jiġu sottomessi lil arbitraġġ għandha tkun il- Qorti tal-Bahamas li jkollha ġurisdizzjoni esklussiva.

Fid-dawl ta' dak li l-Qorti diġa' kkonkludiet fis-suespost, din l-eċċezzjoni mhijiex akkoljibbli.

Kif ingħad, il-mertu tal-kawża odjerna mhumhiex it-tlett trusts Spring, Summer u Winter kif tant issostni is-soċjeta' konvenuta ripetutament, u għalhekk il- kontenut tal-Istrumenti li jirregolawhom, inkluż il-klawsoli dwar l-arbitraġġ huma estraneji u rrilevanti għal każ odjern.

Il-klawsola tal-arbitraġġ fl-Istrumenti li jirregolaw biss dawn it-tlett trusts hija applikabbli biss fir-rigward ta' materji li jirrigwardaw dawk l-istess trusts.

Għalhekk fejn is-soċjeta' konvenuta targumenta fin-nota tagħha illi fl-artikolu 27 ta' trust deed hemm miktub li kwalunkwe kwistjoni marbuta mat-trusts għandha tiġi determinata minn bord ta' arbitragg, ukoll li l-istess artikolu jindika ix-xewqa tas-settlor li kwistjonijiet dwar deċiżjonijiet marbuta mat-trusts u dwar relazzjonijiet bejn il-partijiet fit-trusts għandha hekk tiġi rispettata u torbot hekk lil partijiet, dana kollu

[4] 19 ta' Jannar 1056 Per Imħallef A. Magri.
[5] 5 ta' Marzu 1993 Per Imħallef J.D. Camilleri.

vera kemm hu vera fl-att kostituttiv tat-trusts, jibqa' dejjem estraneju għas-soċjeta' konvenuta.

A skans ta' ripetizzjoni inulti, il-kawża odjerna tirrigwarda constructive trust u ksur ta' obbligi fiduċjarji tal-kumpanija konvenuta, indipendenti minnhom u kwindi l-kontenut tal-Istrumenti tat-Trusts imsemmija mhuwhiex applikabbli għaliha. Jiġi sottolineat li kif intwera s'issa mill-provi s-soċjeta' konvenuta la għandha u lanqas jirriżulta li kellha nvolviment dirett f'dawk it-tlett trusts u għaldaqstant legalment mhijiex marbuta bil-klawsoli indikati minnha f'din l- eċċezzjoni.

L-eċċezzjoni sejra għalhekk tiġi respinta.

3. **It-tielet eċċezzjoni** preliminari tgħid li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni stante li **l-mertu tal-kawża odjerna diġa' huwa pendenti quddiem qrati u tribunali esteri.**

Il-proċeduri li għalihom qegħda tirreferi s-soċjeta' konvenuta fl-eċċezzjoni tagħha huma dawk quddiem il-Qorti Superjuri tal-Bahamas (Sezzjoni Common Law and Equity) fl-ismijiet: Matteo Volpi vs Delanson Services Ltd u Gabriele Volpi. Is-soċjeta' konvenuta ssostni li permezz ta' dawk il-proċeduri l-attur odjern qiegħed jitlob rimedju għax qed isostni li d-distribuzzjoni tal-assi tat-Trusts saret bi ksur tal-Istrumenti tat-Trusts u għal skopijiet irregolari u llegali. Is-soċjeta' konvenuta tirreferi wkoll għal proċeduri separati li l-attur jiddikjara li ntavola separatament kontra Delanson Services Ltd għal ksur ta' obbligi fiduċjarji bħala trustee tat-Trusts u għal breach of trust konsegwenzjali, kif ukoll pretensjonijiet kontra Gabriele Volpi bħala settlor u benefiċjarju tat-Trusts sabiex jiġu ritornati l-assi kollha li kienu ġew imqassam u trasferiti lilu mit-trustees.

A skans ta' ripetizzjoni inutli, l-Qorti diġa' għamlet referenza għall-proċeduri ġewwa l-Bahamas fis-sinteżi tal-provi (punt xv.).

Bħala stat ta' fatt dawk il-proċeduri huma ntavolati biss kontra Gabriele Volpi u Delanson Services Ltd u l-indaġini tolqot u torbot lilhom biss. Is-soċjeta' konvenuta mhijiex parti f'dawk il-proċeduri. U kif ingħad ukoll fis-suespost, il- mertu tal-kawża odjerna huwa divers stante li l-Qorti qegħda tiġi mitluba tinvestiga r-rwol u l-aġir tas-soċjeta' konvenuta fir-rigward tal-assi li hija rċeviet u kif diġa' spjegat.

L-eċċezzjoni sejra tiġi respinta.

4**. Ir-raba eċċezzjoni** preliminari titratta l-***forum non conveniens***

Is-soċjeta' konvenuta tressaq din l-eċċezzjoni peress li fil-fehma tagħha, bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, mill-fatti allegati fir-rikors ġuramentat u mix-xhieda ndikati mill-istess attur, **il-mertu tal-kawża m'għandux rabta ma' Malta.**

B'referenza għall-ġurisprudenza in materja, ġie sottomess hekk fil-każ Malta *Shipyards Ltd vs VPJ Ltd* deċiż fl-20 ta' Mejju 2009 –

> "...il-qrati tagħna dejjem sostnew li l-ġurisdizzjoni tagħhom ma tispiċċax awtomatikament bil-ftehim tal-partijiet li jissotomettu l-kwistjonijiet ta' bejniethom lil ġurisdizzjoni estera, jekk jirriżulata li jkun aktar prattiku u espedjenti li l-qrati Maltin jiddeterminaw il-kwistjoni (*Gatt vs Gollcher*, Kummerc, 14 ta' Novembru 1916, XXIII.iii.484). F'dan ir-rigward, il-qrati tagħna segwew il-prattika tal-qrati Ingliżi "magħrufa bħala forum nonconveniens li titlob lil dak li jopponi l-ġurisdizzjoni li jissodisfa lill-Qorti li l- ġurisdizzjoni estera li jkun qed jinvoka tkun tista tagħmel ġustizzja bejn il- partijiet sostanzjalment b'anqas inkonvenjenza u spiża, u li ma tipprivax lill-attur minn vantaġġ personali, legittimu jew legali li huwa jkollu fil-ġurisdizzjoni fejn ippropona l-kawża'' (*Bonello vs Mifsud,* Kummerc, 30 ta' April 1938 (XXX.iii.373)".

Is-soċjeta' konvenuta targumenta li ladarba t-talbiet tal-attur jiddependu fuq deċiżjoni dwar il-validita' o meno tad-Distribuzzjonijiet, tad-deċiżjonijiet diġa' mogħtija mill-Qorti tal-Bahamas, tal-arbitraġġ li jinsab pendenti quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ, tal-fatt li tali Distribuzzjonjiet jikkonċernaw trusts esteri bil-partijiet li ma għandhomx konnessjoni ma' Malta, is-soċjeta' konvenuta għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju jew dawn il-proċedimenti għandhom jitwaqqfu skont il-prinċipju tal-forum non conveniens.

Din l-eċċezzjoni ma tistax treġi.

Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċitata, sabiex jitħaddem dan il-prinċipju jeħtieġ jintwera a sodisfazzjon tal-Qorti li l-ġurisdizzjoni estera li tkun qed tiġi nvokata tkun f'qagħda li tagħmel ġustizzja bejn il-partijiet sostanzjalment b'anqas inkonvenjenza u spiża, u li ma tipprivax lill-attur minn vantaġġ personali, legittimu jew legali li huwa jkollu fil-ġurisdizzjoni oriġinali fejn ippropona l-kawża.

Madankollu fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern, il-ġurisdizzjoni estera, senjatament it- Tribunal tal-Arbitraġġ fil-Bahamas ma tistax tagħmel ġustizzja mal-attur odjern stante li mhux biss il-mertu huwa differenti imma u aktar wkoll is-soċjeta' konvenuta ma hijiex parti minn dawk il-proċeduri għax lanqas ma hi parti mit- trusts imsemmija. U għaldaqstant il-mertu u l-pretensjonijiet kif avvanzati fil- kawża odjerna ma jistgħux jiġu riżolti quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ esteru.

Di piu' r-rabta ma' Malta tal-kawża odjerna hija evidenti kif ġia ngħad, ġia mill- fatt li s-soċjeta' konvenuta hija reġistrata u domiċiljata f'Malta u l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-attur huma diretti unikament lejha.

Dan ir-raġunament tar-rabta aktar soda ma pajjiż biex tiġi radikata l-ġurisdizzjoni ġie ben spjegat fid-deċiżjoni fl-ismijiet *Spiliada Martime Corp v Cansulex* [ 1986] UKHL 10 fejn in sinteżi l-Qorti qalet li biex tiġi nvokata b'suċċess din id-difiża, u għalhekk sseħħ *stay*, soprassessjoni,

il-konvenut jinħtieglu juri, *prima facie*, li hemm tribunal esteru aktar idoneju, appropju u konvenjenti biex fih titresssq u tiġi deċiża x-xilja. F'din id-deċiżjoni *landmark* dwar il-kunċett tal-*forum non conveniens* Lord Goff in sinteżi jgħid:

> "A stay will only be granted where the court is satisfied that there is some other available forum in which the case may be tried more suitably for the interests of all the parties and the ends of justice.
>
> 1. The burden of proof rests on the claimant to persuade the court to exercise its discretion to grant a stay, but if the court is satisfied that there is another available forum which is prima facie the appropriate forum for the trial of the action, the burden will then shift to the plaintiff to show that there are special circumstances by reason of which justice requires that the trial should nevertheless take place in this country.
>
> 2. Wherethereissomeotherforumwhichistheappropriateforumfor the trial of the action, the burden resting on the defendant is not just to show that England is not the natural or appropriate forum for the trial, but to establish that there is another available forum which is clearly or distinctly more appropriate than the English forum.
>
> 3. Where there exists some other forum which is clearly more appropriate for the trial of the action, the court will look first to see what factors there are which point in the direction of another forum. Such factors may include the availability of witnesses, the law governing the relevant transaction, and the places where the parties respectively reside or carry on business.
>
> 4. If the court concludes at that stage that there is no other available forum which is clearly more appropriate for the trial of the action, it will ordinarily refuse a stay.
>
> 5. If however the court concludes at that stage that there is some other available forum which *prima facie* is clearly more appropriate for the trial of the action, it will ordinarily grant a stay unless there are circumstances by reason of which justice requires that a stay should nevertheless not be granted".

Jerġa' jiġi ribadit li hawn si tratta ta' konvenuta domiċiljata f'pajiżna. Oltre hekk l-istess konvenuta ma għandha ebda *locus standi* jew rabta f'ebda azzjoni ġia mressqa fi qrati estraneji u lanqas konnessjoni ma ebda talbiet fil-konfront.

Ta' interess f'dan ir-rigward illi taħt l-ewwel regolament, Brussels 1 44/2001 fuq skorta ta' deċiżjoni famuża tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropeja fl-ismijiet *Owusu vs Jackson* Case C-281-02, l-ewwel Qorti ta' Stat Membru ġia adita bi proċeduri ma setax tissoprassjedi fuq skorta tal-prinċipju in eżami. Illum bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-*litis pendentia*, kif se naraw fl-eċċezzjoni appropja, pero mhux a bażi ta' forum l-aktar konvenjenti, ir-Recast tagħmel progressi fuq din il-limitazzjoni msemmija.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din l-eċċezzjoni ukoll qed tiġi miċħuda.

**5. Il-ħames eċċezzjoni** preliminari tgħid illi skont l-artikolu 2 tal-Kap 331, hija l-**Qorti Ċivili fil-Ġurisdizzjoni Volontarja** tagħha li għandha l-ġurisdizzjoni dwar kwistjonijiet rigwardant trusts.

Artikolu 2 tal-Att jipprovdi li –

> "Court" means the Civil Court in its voluntary jurisdiction unless otherwise indicated or unless the context refers to any court seized of a matter in which case it is the court where the matter arises;"

L-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu madankollu hija li fejn si tratta ta' kwistjoni kontenzjuża allura hija din il-Qorti Ċivili Prim Awla li għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tisma' l-każ u mhux dik fil-ġurisdizzjoni volontarja tagħha.

Dan kif konfermat fil-każ *Claire Louise Beswick vs Bank of Valletta plc* deċiż fl-20 ta' Settembru 2016[6]. F'dak il-każ il-Qorti osservat li l-pretensjonijiet tal- attriċi kienet marbuta ma' allegat ksur ta' obbligi fiduċjarji da parti tal-konvenut u għalhekk fil-fehma tagħha kienet il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili li kellha tieħu konjizzjoni tal-pretensjonijiet mressqa minnha. Il-bank konvenut eċċepixxa li skont l-artikolu 2 tal-Kap 331 il-każ kellu jinstema mill-Qorti Ċivili fil- ġurisdizzjoni volontarja tagħha.

Dik il-Qorti osservat li minn analiżi tal-Kap 331 jirriżulta li –

i. fejn intużat il-kelma "Court" ("C" bl-ittri kbar) il-leġislatur kien qed jirreferi għall Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja) filwaqt li l-kelma "court" ('c' bl-ittri żgħar) ma kinitx definita u allura tirreferi għal qorti in ġenerali, ċioe' kemm dik ċivili (ġurisdizzjoni volontarja) u anke l-prim awla;

ii. materji li jirrigwardaw direzzjoni, kunsens, awtorizzazzjoni jew approvazzjoni tal-Qorti, jew fejn ikun jeħtieġ tingħata nformazzjoni lill-Qorti jew fejn hemm bżonn issir xi ħatra u kull materja oħra li ma hijiex kontenzjuża għandhom jitressqu quddiem il-Qorti ċivili ta' ġurisdizzjoni volontarja;

iii. madankollu meta materja tkun ta' natura kontenzjuża allura din għandha titressaq quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li din il-Qorti tabbraċċja u tagħmel tagħha, ġjaladarba l-kwistjoni li għandha quddiemha llum hija waħda indubbjament kontenzjuża kif evidentement jirriżulta mit-talbiet

[6] Citata fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur noe. Folio 328 et seq. Rikors Ġuramentat 797/15Af. Sentenza mogħtija fuq skorta ta' eċezzjoni preliminari ai termini ta' l-artikolu 8 ta' l-Avviz legali dwar kompetenza tal- Qrati Ċivili. Per Prim'Imħallef S.Camilleri.

imressqa mill-attur, allura hija proprju din il-Qorti li għandha l-ġurisdizzjoni biex tisma' l-każ odjern. Kien sew l-argument mressaq fl-istess sentenza lli kwistjonijiet kontenzjużi li jiġu ntavolati u xprunati b'rikors ġuramentat ma jistgħux di natura propja jiġu assenjati għas-smiegħ lil Qorti li fil-kompetenza tagħha hija propju intiża għal smiegħ ta' vertenzi mhux kontenzjużi.

Konsegwentement din l-eċċezzjoni sejra tiġi respinta.

**6. Is-sitt eċċezzjoni** preliminari titratta l-***lis alibi pendens.***

Skont is-soċjeta' konvenuta, jekk din il-Qorti tiddeċiedi li għandha ġurisdizzjoni, hija xorta għandha tiddeklina milli teżerċita dik il-ġurisdizzjoni peress li hemm proċeduri oħra pendenti fil-Bahamas li jikkostitwixxu '*lis alibi pendens'*.

L-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li –

> "Meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra".

L-artikolu 794 tal-istess Att jistipula li –

> "(1) L-eċċezzjoni lis alibi pendens jew ta' konnessjoni ta' kawża ma' oħra tista' tingħata f'kull żmien sas-sentenza.
>
> (2) Il-qorti għandha tiddeċidi l-eċċezzjoni; u, meta l-eċċezzjoni ma tiġix milqugħa, il-qorti tista' fl-istess ħin tiddeċidi l-meritu tal-kawża".

Kif jirriżulta ċar mid-diċitura tad-dispożizzjonijiet appena ċitati, tali eċċezzjoni neċessarjament tirrikjedi l-eżistenza ta' żewġ kawżi għaddejjin kontemporanjament, li jinsabu t-tnejn pendenti quddiem il-qrati u li jkollhom l-istess mertu. L-istitut tal-*lis alibi pendens* ad differenza min dak ta' konnessjoni ta' kawzi, infatti huwa ntiż sabiex jiġu evitati sentenzi konfliġġenti fuq l-istess oġġett u kawża bejn l-istess partijiet, stat dan li jwassal biss għal travestiment ta' ġustizzja.

Jiġi sottolineat madankollu li - jekk jinstab li l-proċeduri li jkunu ġew istitwiti l-aħħar ikunu fuq l-istess oġġett li dwaru jkun hemm diġa' proċeduri oħrajn pendenti - l-effett tal-artikolu 792 huwa li l-Qorti li quddiemha tkun tressqet l-aħħar kawża tibgħatha lill-Qorti l-oħra sabiex tiġi minnha trattata u deċiża.

Ferm il-premess, il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza in materja.

Fil-każ fl-ismijiet *Paolo Gatt et vs Fayton Falzon et* deċiż fil-15 ta' Ottubru 2015[7] il-Qorti qalet hekk:

---

[7] Rik. 918/2014.

> "L-iskop tal-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* hu li jimpedixxi li fuq l-istess kontroversja bejn l-istess partijiet jiġu mogħtija minn żewg qrati differenti żewġ sentenzi, li jista' wkoll, ikunu inkonciljabbli. (Vol 34 p 358). Skont il- ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* hija fondata fuq l-istess tlett elementi ta' res iudicata: *eadem res, eadem causa petendi* u *eadem personam*. (*Crocefissa Sammut et. v Joseph Spiteri et*. - App. Ċiv. 10 ta' Ottubru 2003; *Dingli Co Int.l Ltd noe. V Rainbow Productions Ltd – PA(RCP) 12 ta' Ottubru 1999*)".

Fil-każ *Joseph Chetcuti et vs Jason Caruana et* deċiż fl-20 ta' Mejju 2019 kompla jingħad hekk in materja –

> "Fir-rigward ġie imfisser li:
>
> > "La litis pendentia si verifica quando due azioni identiche sono proposte davanti a giudici diversi. È necessario quindi che lo stesso diritto sia fatto valere in giudizio, tra le stesse parti, inanzi a due giudici diversi (identità di soggetti, petitum, causa petendi). Quando vengono proposte contemporaneamente due azioni identiche, il legislatore impone di eliminare uno dei due processi sulla stessa controversia, per evitare uno spreco di attività processuale e sopratutto il pericolo di un contrasto di giudicati".
>
> Fil-kawża *Anatoli Reznikov et. vs. Nikolai A. Kotivov pro et noe* deċiża mill- Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Marzu 1994 gie kkunsidrat illi:
>
> > "The plea is somewhat parallel with the plea of exceptio rei judicatæ. Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue. The effect of the plea of litis pendentia in the words of section 792 of the Code of Organization and Civil Procedure is that the court before which the second action is brought may order the suit to be remitted to the first court. In fact, doctrine and case law in the matter are to the effect that it is in fact mandatory for the court to declare its own incompetence ex officio if such plea is founded, in spite of the use of the word 'may' in the said section quoted herein.
> >
> > The essential condition for this plea is the identity of the two actions which results from the identity of all the elements thereof, i.e. the parties, the subject matter and the case of the demand".
>
> Huwa risaput, anka mill-insenjament hawn kwotat, illi l-Qorti tista' hija stess tissolleva *ex officio* l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* meta jinġieb a konjizzjoni tagħha li hemm proċedura oħra pendenti quddiem Qorti oħra li tkun f'posizzjoni aħjar minn dik il-Qorti sabiex tisma' l-kawża. L-eċċezzjoni tal-litis pendentia hija ta' ordni pubbliku u hija għalhekk li din l-eċċezzjoni tista' tiġi sollevata *ex officio*.
>
> Sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* iridu jissussistu tliet rekwiziti: (i) iż-żewg kawżi jridu jkunu bejn l-istess partijiet u dawn ikunu qegħdin jaġixxu fl- istess kwalità (*eadem personae*); (ii) iż-żewġ kawżi jrid ikollhom l-istess suġġett (*eadem res*); (iii) it-talbiet fiż-żewġ kawżi irid ikollhom l-istess causa (idem ius u *eadem causa pretendi*) u dawn iridu jirriżultaw *ictu oculi*".

Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija waħda frivola.

Huwa pależi anke mad-daqqa t'għajn li r-rekwiżiti tal-liġi nostrali sabiex tirnexxi tali eċċezzjoni mhumhiex sodisfatti.

Għalkemm l-attur odjern huwa parti kemm fil-kawża odjerna kif ukoll fil-proċeduri fil-Bahamas mhux l-istess jista' jingħad għas-soċjeta' konvenuta li mhijiex parti mill-proċeduri fil-Bahamas filwaqt li Gabriele Volpi u Delanson Services Ltd huma parti fil-proċeduri tal-Bahamas iżda mhux fil-kawża odjerna. Mela l-kriterju tal-aedem personae diġa' mhuwhiex sodisfatt.

Kif diġa' ngħad aktar minn darba, il-mertu tal-proċeduri odjerni u dak fil-Bahamas m'għandhomx l-istess suġġett. Dan stante li l-proċeduri odjerni jitrattaw constructive trust ġdida u/jew obbligi fiduċjarji tas-soċjeta' konvenuta filwaqt li l-proċeduri fil-Bahamas huma marbuta mal-indaġni rigwardanti t-tlett trusts u d-distribuzzjonijiet allegatament irregolari u llegali tal-assi ta' dawk it- trusts li saru minn Delanson Services Ltd lil Gabriele Volpi. Inoltre lanqas it-talbiet fiż-żewġ proċeduri mhuma l-istess.

Jekk din it-talba tiġi eżaminata mill-ottika ta' l-hekk imsejjaħ Recast, fatt ukoll ikkonsidrat mill-attur fin-nota tiegħu, is-soluzzjoni tidher ftit aktar komplessa.

Fl-ewwel lok għandu a priori jingħad li ad differenza mir-regolament tas-sena 2001, illum dawk li daħħal fis-seħħ fis-sena 2015, ir-Recast, jaħseb anke għal- eventwalita' ta' kawza identika pendenti quddiem stat non-membru.

Jidher li fil-fatt il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropeja ma kienetx aċċettanti ta' din linja ta' difiza fejn fil-pendenza ta' kawza identika quddiem stat non membru, kienet titressaq tali difiza fi proċeduri pendenti quddiem stat membru. Il-bilanċ dejjem kien ixqalleb lejn proċeduri istitwiti quddiem stat membru, dejjem sodisfatti ċertu kundizzjonijiet ulterjuri. Illum din is-sitwazzjoni hija waħda diversa sodifatti ċertu kriterji.

Fil-*Briefing Notes* miktuba minn Clifford Chance fl-ismijiet *Court jurisdiction under Brussels 1 Regulation (recast) good in parts* insibu dan:-

> "Courts outside the EU
>
> The old Regulation said nothing about courts outside the EU. It was, however, established that an EU court seised of a case on the basis of, for example, the defendant's domicile, could not stay its proceedings in favour of a court outside the EU merely because the court outside the EU represented a more appropriate venue for the trial of the claim (Owusu v Jackson, Case C-281/02). The discretionary approach to jurisdiction that this would have entailed was considered inconsistent

with the certainty and predictability in jurisdictional matters required by the old Regulation.

The recast Regulation does an about turn. It now expressly addresses the position of courts outside the EU, giving EU courts a discretionary ability to defer to non-EU courts. However, the Regulation only allows this deference in limited circumstances.

Article 33(1) of the recast Regulation applies if two conditions are met:

- a court in a third country is seised of a case involving the same cause of action before the courts in an EU member state are seised; and

- a court in an EU member state is then seised on the basis of the defendant's domicile or the special jurisdiction provisions in the Regulation (eg place of performance of the contract).

If the EU court is first seised, article 33(1) has no application. This risks encouraging a rush to court, whether to the courts of a third country so that article 33(1) will apply or to the courts of an EU member state so that article 33(1) will not apply. Similarly, article 33(1) does not apply if the EU court is seised because there is a jurisdiction clause in its favour, whether exclusive or non-exclusive.

If article 33(1) applies, a court in an EU member state has a discretion to stay proceedings if two further conditions are met:

- the non-EU court is expected to give a judgment that is capable of recognition and enforcement in the member state in question; and

- the stay is necessary for the proper administration of justice.

This first condition will be a matter for local law since the enforcement of judgments from outside the EU is not governed by EU law. As a result, if a judgment from a particular third country is enforceable in France but not in England, the French courts could stay their proceedings in favour of those in the third country but the English courts could not.

For these purposes, enforcement will presumably include indirect enforcement under the common law. This requires a new action on the foreign judgment, leading to a separate domestic judgment. The foreign judgment is not enforced directly, but the substance of the underlying dispute is not re-litigated. Judgments from the US courts are enforced in this way in England.

The Second condition requires the Court to "assess all the circumstances... includ[ing] connections between the facts of the case and the parties and the third State concerned, the stage to which the proceedings in the third State have progressed... and whether or not the court of the third State can be expected to give judgment within a reasonable time" (recital (24)).

The courts of an EU member state that stay proceedings in favour of the courts of a non-EU state can revisit their decision if the proceedings

in the third state are themselves stayed or discontinued, if the courts in the third state are unlikely to be concluded within a reasonable time, or if the proper administration of justice requires the continuation of proceedings in the EU (article 33(2)).

Article 33 of the recast Regulation applies where EU courts are seised of claims involving the same cause of action as courts outside the EU. Article 34 sets out similar rules when courts within and without the EU are seised of related actions, *ie* actions that it is expedient to hear and determine together in order to avoid the risk of irreconcilable judgments".

Naraw li in sinteżi l-bidliet li ġew miġjuba bir-Recast kif riprodotti fil-kitba bl-isem THE RECAST BRUSSELS REGULATION: IMPLICATIONS FOR COMMERCIAL PARTIES[8] huma:

"Defusing so-called "torpedo actions" , where a party seeks to delay matters by starting proceedings in one EU member state court in breach of an exclusive jurisdiction agreement in favour of another member state court.

Introducing new rules on staying proceedings in favour of prior proceedings in a non-member state. (emfasi tal-Qorti)

Extending the rules relating to jurisdiction agreement to apply Where niether party is EU-domiciled.

Extending the protective rules relating to consumer contracts and individual contracts of employment to apply to none you Thomas all traders and employers in certain circumstances.

Making member state judgments immediately enforceable across the EU.

Clarifying the extent and effect of the exclusion of arbitration from the ambit of the recast Brussels regulation".

Il-Qorti se tgħaddi biex tirriproduċi silta minn dan it-test li hu ta' interess għalina in konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjoni in eżami anke biex turi l-komplessita' u nuqqas ta' uniformita' fis-suġġett relatat.

"It is not clear, at least under the Brussels Regulation, whether proceedings brought in a member state can be stayed where:

• There are identical or related proceedings pending in a non-member state court.

• The nature of the action means that it should be heard in a particular nonmember state; for example, a case concerning title to land in that country.

---

[8] 13 Adam Johnson, Anna Pertoldi, Nick Peacock and Hannah Ambrose of Herbert Smith Freehills LLP consider the key changes under the recast Brussels Regulation and the areas in which uncertainty remains.

- Proceedings have been started in a non-member state under an exclusive jurisdiction agreement in favour of that state.

In each of these situations, there would be a clear requirement to stay the member state proceedings if the competing jurisdiction was within the EU, but it is not clear whether these rules can be given “reflexive effect”, or applied by analogy, in favour of non-EU courts.

Under Articles 33 and 34 of the recast Brussels Regulation (Articles 33 and 34), there is a new discretion to stay proceedings where an identical or related action is pending in a non-member state court, but only if the non-member state action was first in time and if certain other conditions are satisfied.

In particular, the non-member state judgment must be capable of recognition or enforcement in the member state and the member state court must be satisfied that a stay is necessary for the proper administration of justice. Also, the discretion to stay does not apply where the member state court’s jurisdiction is based on a jurisdiction clause in favour of that court.

Remaining uncertainties

Articles 33 and 34 only concern non-member state proceedings that are first in time. They do not address what happens if those proceedings are not first in time, but there is an exclusive jurisdiction agreement in favour of that court, or it is a type of case where, in equivalent circumstances, exclusive jurisdiction would be given to a member state due to the nature of the case; for example, land.

In Ferrexpo AG v Gilson Investments Ltd, the High Court stayed proceedings against an English-domiciled defendant on the basis that the object of the proceedings was the validity of resolutions made by a Ukrainian company ([2012] EWHC 721 (Comm); see News brief “Brussels Regulation: reflexive interpretation applied”, www.practicallaw. com/1-519-6261).

If it had been, for example, a French company, the English court would have been obliged to stay its proceedings in favour of the French courts under the exclusive jurisdiction provisions in Article 22 of the Brussels Regulation (the equivalent provisions are in Article 24 of the recast Brussels Regulation). The court held that it could apply Article 22 of the Brussels Regulation reflexively, or by analogy, and stay in favour of the Ukrainian court.

Ferrexpo is a first instance decision and it remains to be seen whether a similar approach will be taken in other cases. Given that the recast Brussels Regulation could have, but did not, give an express power to stay in these circumstances, a court might be persuaded that it is not permitted to give reflexive effect to the rules in this way.

The ECJ in Coreck Maritime GmbH v Handersveem BV suggested that a member state court could stay proceedings in favour of a non-member state that has the benefit of an exclusive jurisdiction clause (C-387/98).

> Although Coreck pre-dated Owusu, a number of first instance English court decisions have held that a stay can be ordered despite Owusu; for example, Konkola Copper Mines v Coromin ([2005] EWHC 898 (Comm)). But again, it is not clear whether a similar approach will be taken under the recast Brussels Regulation, given the absence of any provision dealing with the issue.
>
> So there are still uncertainties. In general, it seems that the party that begins proceedings first will still have the advantage, even after the changes brought about by the recast Brussels Regulation. The only clear exception is where proceedings are begun in a member state in defiance of an exclusive jurisdiction clause in favour of another member state. Otherwise, the best advice may be to get in early".

Jekk il-Qorti tislet xi gwida minn dan riprodott xorta jibqalha l-problema illi hawn hemm mankanti elementi għas-suċċess ta' l-eċċezzjoni in eżami u cioe' l- identita' tal-partijiet fil-kawza ukoll l-oġġett propju tal-vertenza. Għalhekk lanqas ma hu pertinenti li jiġi kkonsidrat jekk il-lodo ta' l-arbitragg li qed jinstema' ġewwa l Bahamas u konsegwenti ġudizzju jistgħux jiġu enforżati Malta[9] (art.33) ukoll għaliex il-konvenuta hija estraneja għal dawk il-proċeduri. Il-Qorti hawn terga' tiġi rinfaċċata bil-problema li għalkemm vera hemm arbitragg ġia għaddej u preċedenti għal din il-kawza u Qorti barranija magħżula, jurisdiction clause, dejjem fi stat non-membru, pero la dan il-fethim u lanqas il-kawza ma jolqtu lis-soċjeta' konvenuta. Lanqas ma tqies idoneju kif ġie suġġerit lilha mill-konvenuta li din il-Qorti tistenna eżitu tad-deċiżjoni ta' l- arbitragg barrani, mhux għax ma tagħrafx ċerta konnessjoni (artikolu 34) imma ġia minħabba dak espost ukoll għax għandha l-konfort tal-fatt li jidher lil proċeduri barranin ġewwa l-Bahamas huma fi stadju abbastanza avanzati kif dikjarat mill-avukat difensur tal-attur mentri dawn il-proċeduri odjerni għadhom fi stadju ferm bikri w inizjali, wieħed preliminari, jekk mhux ukoll suġġett għal appell. Għalhekk dan id-dewmien jaf ikun ta' preġudizzju għal-attur anke konsiderat l-ammont ta' xhieda indikati miż-żewġ partijiet, ħafna minnhom esteri, l-arrangamenti li jridu jsiru biex jixhdu viva voce jekk dan permessibbli u possibbli fiċ-ċirkostanzi, jew on line, ukoll il-kumplessita' tal-kawża nnifisha u l-eventwali appell minn deċiżjoni finali.

Tqis li stennija f'dawn iċ-ċirkostanzi taf tkun ta' preġudizzju għal-attur.

Għaldaqstant din l-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda wkoll.

7. **Is-seba' eċċezzjoni** preliminari tirrigwarda allegat **nuqqas ta' ntegrita' tal-ġudizzju.**

Is-soċjeta' konvenuta tisħaq li l-proċeduri odjerni huma nulli stante li Gabriele Volpi u Delanson Services Ltd mhumhiex parti mill-proċeduri

[9] 14 Konvenzzjoni ta' l-Unjoni Uniti ta' 10 ta' Gunju, 1958 dwar Rrecognition and Enforcement of Foreign Arbitral Awards New York.

minkejja li l-aġir u l-azzjoni tagħhom huwa punt kruċjali fil-mertu tal-proċeduri odjerni u għal liema huma biss jistgħu iwieġbu.

Fil-każ *Paul Magri et vs Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, Kunsill Lokali Qormi* deċiż fit-30 ta' Settembru 2014 ingħad hekk –

> "Il-ħtieġa li ġudizzju jkun integru hija mibnija fuq tliet konsiderazzjonijiet ewlenin : i) il-ħtieġa li f`kawża jieħdu sehem dawk kollha li huma interessati fil- kwistjoni ; ii) il-ħtieġa li jiġi assikurat li l-ġudizzju jkun wieħed effikaċi ; u iii) il- ħtieġa li jitħares kemm jista` jkun il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju. Li l- ġudizzju jkun wieħed sħiħ għandu jinteressa aktar lill-attur milli lill-konvenut. Fl-istess waqt riskontrat dan il-fatt ma jfissirx illi mankanza bħal din hija insanabbli (ara Appell Ċivili – 15 ta` Jannar 1992 – `Zahra Dedomenico et vs Zahra Dedomenico` – Kollez Vol LXXVI.i.182). Hija l-fehma konsiderata tal- Qorti li l-kwistjoni tista` tiġi sanata minnha stess ex ufficio bil-kjamata fil-kawża tal-persuna interessata skond l-Art 961 tal-Kap 12".

Minn dan isegwi li bħala punt tat-tluq, kieku kellha tintlaqa' din l-eċċezzjoni, l- eżitu ma għandux ikun in-nullita tal-proċeduri iżda se mai il-kjamat in kawża tal- partijiet konċernati li jista' jsir anke ex ufficcio mill-Qorti kieku jkun il-każ. .

Ferm il-premess, il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni mhijiex ġustifikata.

It-talbiet fil-kawża odjerna huma diretti unikament u esklussivament kontra s- soċjeta' konvenuta u ħadd ħliefha m'għandu jirrispondi għalihom. Il-Qorti tantiċipa li kemm Gabriele Volpe u anke rappreżentanti ta' Delanson Services Ltd ser jittellgħu jixhdu fil-kawża iżda kif ingħad ripetutament t-talbiet tal-attur huma mmirati lejn l-iskrutinju tal-aġir tas-soċjeta' konvenuta fir-rigward tal-assi mertu tal-proċeduri odjerni. Kwindi la fi kwalunkwe każ la Gabriele Volpe u lanqas Delanson Services Ltd ma jistgħux jinstabu responsabbli għat-talbiet kif redatti mill-attur fil-kawża odjerna ma hemm lanqas ebda lok li jkunu parteċipi fil-kawża bħala konvenuti.

Għalhekk anke din l-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda".

11. Il-konvenuta ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk appellat minnha b'dawn l-aggravji:

Ikkunsidrat:

12. **L-ewwel aggravju** hu li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament u

applikazzjoni żbaljata tal-fatti u tal-liġi meta qieset li (i) "mill-premessi u t-talbiet kif imressqa mill-attur, l-ilmenti u l-pretensjonijiet tiegħu huma mmirati direttament lejn l-iskrutinju tal-aġir tas-soċjetà konvenuta Betacorp International Limited (li *del resto* hija reġistrata u domiċiljata f'Malta)",[10] u (ii) li saret *constructive trustee* u "Kwindi fi ftit kliem, il-pretensjonijiet tal-attur huma diretti lejn azzjonijiet li seħħew fil-ġurisdizzjoni Maltija u li jinvolvu soċjetà reġistrata u domiċiljata f'Malta" u (iii) illi l-aġir ta' Delanson fost oħrajn mhuwiex il-pern innifsu tal-kawża iżda jservu bħala sfond u bażi limitatament biex jgħinu lill-Qorti fl-evalwazzjoni tagħha dwar l-aġir tas-soċjetà konvenuta.[11]

13. Il-konvenuta appellanti ssostni li l-ilmenti tal-attriċi mhumiex immirati biss lejn l-aġir tal-konvenuta imma wkoll lejn skrutinju tal-aġir tas-soċjetà Delanson bħala *trustee* tat-*trusts* li qiegħda tixli li kkommettiet *breach of trust* meta qassmet assi li allegatament spiċċaw għand il-konvenuta. L-appellanti tista' tkun *constructive trustee* biss jekk Delanson ikkommettiet *breach of trust*.

Ikkunsidrat:

14. Din il-Qorti tqis huwa minn ewl id-dinja li jekk il-Qorti għandha ġurisdizzjoni fuq il-konvenuta dwar it-talbiet attriċi, allura **bħala prinċipju**

---

[10] Paġna 36 tas-sentenza.
[11] Paġna 37 tas-sentenza.

l-attriċi appellata għandha kull dritt li tressaq quddiemha kull prova li tista' tistabbilixi l-veraċità tal-allegazzjonijiet bażi tal-istess talbiet, inkluż l-allegat *breach of trust* minn Delanson. F'dan il-każ partikolari, tqum il-kwistjoni jekk din il-Qorti tistax tindaga dwar kwistjoni interna għat-*trusts*. Hemm proċeduri arbitrali esteri, li qegħdin isiru skont l-istrumenti tat-*trusts* relattivi, b'talba għal dikjarazzjoni tal-illegalità u l-konsegwenti kanċellament tad-distribuzzjonijiet li saru. Fit-13 ta' Ġunju 2020, waqt li kienet qiegħda tinstama' l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti, ingħata lodo parzjali li stabbilixxa li tassew kien hemm *breach of trust* kif allegat. Dan il-lodo qiegħed jistenna l-eżitu ta' appell li sar minn Delanson u Gabriele Volpi.

15. L-attriċi appellata, fir-Risposta tal-Appell (Para 19), tisħaq li t-talbiet tagħha huma diretti biss lejn il-konvenuta u li qiegħda tħalli l-kwistjoni tal-*breach of trust* għad-deċizjoni tal-arbitraġġ esteru. Tisħaq li l-kwistjoni tal-*breach of trust* hija materja ta' prova li għandha titqajjem fl-istadju tal-ġbir tal-provi dwar il-mertu.

16. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti kellha raġun meta kkonkludiet li t-talbiet tal-attur f'din il-kawża huma diretti kontra soċjetà rreġistrata u domiċiljata f'Malta – u allura dawn il-Qrati għandhom ġurisdizzjoni skont il-*Brussels I Regulation* li huwa parti mil-liġi ta' Malta. B'danakollu, huwa minnu dak li tisħaq fuqu b'saħħa l-appellanti li l-istess

talbiet jippresupponu dikjarazzjoni li kien hemm *breach of trust* da parti ta' *trustee* ta' *trusts* li jinstabu barra minn Malta u barra mill-Unjoni Ewropea; u huwa minnu wkoll li dan it-*Trustee* mhuwiex parti f'din il-kawża. Veru li kif iwieġeb l-attur appellat, huwa mhuwiex jitlob dikjarazzjoni li t-*Trustee* kkommetta *breach of trust*. B'danakollu, dikjarazzjoni bħal din hija anteċedent loġiku neċessarju għat-talbiet l-oħrajn tal-attur. L-attur huwa konxju ta' dan. Fetaħ proċeduri ta' arbitraġġ dwar dan fil-ġurisdizzjoni appożita kontra t-*Trustee* u missieru fost l-oħrajn; hemm lodo favur tiegħu li issa qiegħed jistenna l-eżitu tal-appell.

17. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għall-fini ta' din il-kawża, ġaladarba l-kwistjoni dwar il-*breach of trust* hija pendenti quddiem Tribunal tal-Arbitraġġ kompetenti biex jisma' u jiddeċiedi dwarha, u li fihom hemm bħala parti t-*Trustee* involut, huwa ġust u opportun li l-Qorti Maltija tistenna sakemm jiġi konkluż l-appell mil-lodo tat-Tribunal u dawk il-proċeduri jgħaddu in ġudikat; u tqis dik id-deċiżjoni finali bħala l-prova konkludenti dwar l-allegazzjoni u premessa ta' *breach of trust*.

18. Il-*Brussels Recast* jipprovdi għal din l-eventwalità, ċjoè fejn żewġ kawżi ma jkunux identiċi imma jkun hemm xi forma ta' konnessjoni bejniethom. Skont Art. 30 tal-istess Regolament:

> "For the purposes of this Article, actions are deemed to be related where they are so closely connected that it is expedient to hear and determine them together to avoid the risk of irreconcilable judgments resulting from separate proceedings".

19. Artikolu 30 jitratta kawżi pendenti fi Qrati ta' Stati Membri differenti. Il-kelma "qrati" tinkludi tribunali (Art. 2 tar-Regolament). Id-definizzjoni msemmija tapplika wkoll għall-Artikolu 34 li jitratta l-każijiet fejn ikun hemm konnessjoni bejn qorti ta' Stat Membru u qorti ta' Stat terz. Dan l-artikolu jaqra hekk:

> *"1. Where jurisdiction is based on Article 4 or on Articles 7, 8 or 9 and an action is pending before a court of a third State at the time when a court in a Member State is seised of an action which is related to the action in the court of the third State, the court of the Member State* ***may stay the proceedings*** *if:*
>
> > *(a) it is expedient to hear and determine the related actions together to avoid the risk of irreconcilable judgments resulting from separate proceedings;*
> >
> > *(b) it is expected that the court of the third State will give a judgment capable of recognition and, where applicable, of enforcement in that Member State; and*
> >
> > *(c) the court of the Member State is satisfied that a stay is necessary for the proper administration of justice.*
>
> *2. The court of the Member State may continue the proceedings at any time if:*
>
> > *(a) it appears to the court of the Member State that there is no longer a risk of irreconcilable judgments;*
> >
> > *(b) the proceedings in the court of the third State are themselves stayed or discontinued;*
> >
> > *(c) it appears to the court of the Member State that the proceedings in the court of the third State are unlikely to be concluded within a reasonable time; or*
> >
> > *(d) the continuation of the proceedings is required for the proper administration of justice.*
>
> *3. The court of the Member State may dismiss the proceedings if the proceedings in the court of the third State are concluded and have*

> *resulted in a judgment capable of recognition and, where applicable, of enforcement in that Member State.*
>
> *4. The court of the Member State shall apply this Article on the application of one of the parties or, where possible under national law, of its own motion".*

20. F'dan il-każ, għalkemm il-Qorti għandha ġurisdizzjoni, huwa fl-interess tal-ġustizzja li tissospendi s-smigħ tal-kawża sakemm l-arbitraġġ jinqata' definittivament, b'riżerva li tissokta tisma' l-kawża kemm-il darba sseħħ xi ċirkostanza kkontemplata fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 34 suċċitat.

21. Din il-parti tal-ewwel aggravju qiegħda tiġi milqugħa fil-limiti msemmija.

22. Fl-aħħar parti tal-ewwel aggravju, il-konvenuta appellanti tilmenta li anke jekk ikun hemm sejbien ta' *breach of trust* minn Delanson, l-appellanti mhux bilfors tinstab li hi *constructive trustee* għaliex jekk hija rċeviet xi fondi mingħand Delanson, dan għamlitu *in bona fede* u għalhekk l-Art. 33(1) tal-Kap 331 mhux applikabbli. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-argument ma jreġix. Jekk il-konvenuta hix tassew *constructive trustee* hija kwistjoni ta' mertu, mhux ta' ġurisdizzjoni. Il-ġurisdizzjoni hija radikata mill-premessi u mit-talbiet tal-att promotur. Il-premessi huma, sakemm jiġu ppruvati, meri ipotesi u huwa fuq dawn l-ipotesi li l-kompetenza tal-Qorti tiġi ddeterminata.

23. Din il-parti tal-aggravju ma tiswiex.

24. **It-tieni aggravju** hu li l-Ewwel Qorti applikat il-liġi ħażin meta kkunsidrat li l-appellata tissodisfa l-kriterji ta' ġurisdizzjoni skont Art. 8 tal-Kap 331 u b'hekk ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-appellanta; li t-*trusts* mhumiex Maltin (Art. 8(1)(a)); it-*trustee* Delanson mhix residenti f'Malta (Art. 8(1)(b)); m'hemmx proprjetà tat-*trusts* f'Malta; it-trasferiment tagħhom lill-konvenuta hija biss allegazzjoni.

25. Din il-Qorti taqbel mal-Prim'Awla li t-*trustee* li kontra tiegħu qegħdin isiru dawn il-proċeduri hija appuntu l-konvenuta, li hija *trust* Maltija u residenti f'Malta u mhux it-*trustees* li allegatament ittrasferewlha l-fondi, anke jekk fil-parametri tal-konsiderazzjonijiet li għadha kif ghamlet dwar l-ewwel aggravju.

26. Stabbilit dan l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tikkunsidra jekk il-proprjetà tat-*trusts* inkwistjoni tinstabx Malta jew le.

27. **It-tielet aggravju** hu li l-Ewwel Qorti interpretat ħażin il-liġi meta qieset li huwa applikabbli għal dan il-każ l-*Brussels I Recast*, u li għandha ġurisdizzjoni skont l-istess Regolament. Dan billi r-Regolament japplika biss bejn Stati Membri, li mhuwiex il-każ f'din il-kawża, fejn il-ġurisdizzjonijiet l-oħra nvoluti fit-*trusts* huma l-Bahamas, New Zealand u l-Panama. Bla preġudizzju għas-sottomissjoni dwar il-Kap. 331 bħala *lex*

*specialis*, għandu *se mai* japplika l-Art. 742 tal-Kap 12 li jorbot il-ġurisdizzjoni fejn verament hemm konnessjoni ma' Malta. Il-kawża ma tirrigwardax ħwejjeġ li jinstabu f'Malta u s-sentenza ma tistax tiġi esegwita f'Malta.

28. Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellanta. Fl-ewwel lok, kif ġjà ngħad, il-konvenuta hija soċjetà rreġistrata f'Malta. Barra minn hekk, l-attur huwa ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Sa hawn, il-kwistjoni hi bejn żewġ Stati Membri. B'danakollu, jista' jingħad li fil-kwistjoni tal-*breach of trust* hemm ukoll involut Stat li mhuwiex membru tal-Unjoni Ewropea.

29. Biex japplika r-Regolament inkwistjoni jrid ikun hemm element internazzjonali. Il-ħtieġa ta' element internazzjonali jinstab fil-preambolu tar-Regolament. Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea għamiltha ċara li dan l-element mhux meħtieġ li jkun ma' Stat Membru ieħor imma jista' jkun bejn Stat Membru u Stat li mhuwiex membru.[12] Il-ġurista Fawcett jgħid li:

---

[12]. Fi kliem il-Qorti Ewropea:

> "Nothing in the wording of Article 2 of the Brussels Convention suggests that the application of the general rule of jurisdiction laid down by that article solely on the basis of the defendant's domicile in a Contracting State is subject to the condition that there should be a legal relationship involving a number of Contracting States.
>
> Of course, as is clear from the Jenard report on the Convention (OJ 1979 C 59, pp. 1, 8), for the jurisdiction rules of the Brussels Convention to apply at all the existence of an international element is required.
>
> However, the international nature of the legal relationship at issue need not necessarily derive, for the purposes of the application of Article 2 of the Brussels Convention, from the involvement, either because of the subject-matter ofthe proceedings or the respective domiciles of the parties, of a number of Contracting States. The involvement of a Contracting State and a non-Contracting State, for example because the claimant and one defendant are domiciled in the first State and the events at issue occurred in the second, would also make the legal

> "*Despite its justification being linked to improving the functioning of the internal market, the Brussels I Recast does not require connections with two Member States"*.[13]

30. Dan l-aggravju mhuwiex qiegħed jiġi milqugħ.

31. **Ir-raba' aggravju** hu li l-Ewwel Qorti ma messhiex iddeċidiet li għandha ġurisdizzjoni meta l-istrumenti ta' *trusts* jirregolaw il-ġurisdizzjoni marbuta magħhom, li skonthom f'dan il-każ hija fdata lill-bord tal-arbitraġġ u fejn dan mhux possibbli, fil-Qorti tal-Bahamas, li jkollha ġurisdizzjoni esklussiva.

32. Tenut kont ta' dak li din il-Qorti qalet fir-rigward tal-ewwel aggravju, se jkun il-Bord tal-Arbitraġġ, u mhux xi Qorti Maltija, li jiddeċiedi dwar l-allegat *abuse of trust*.

---

relationship at issue international in nature. That situation is such as to raise questions in the Contracting State, as it does in the main proceedings, relating to the determination of international jurisdiction, which is precisely one of the objectives of the Brussels Convention, according to the third recital in its preamble.

Thus the Court has already interpreted the rules of jurisdiction laid down by the Brussels Convention in cases where the claimant was domiciled or had its seat in a non-Contracting State while the defendant was domiciled in a Contracting State (see Case C-190/89 *Rich* [1991] ECR I-3855, Case C-406/92 *Tatry* [1994] ECR 1-5439 and *Group Josi,* paragraph 60).

Moreover, the rules of the Brussels Convention on exclusive jurisdiction or express prorogation of jurisdiction are also likely to be applicable to legal relationships involving only one Contracting State and one or more non-Contracting States. That is so, under Article 16 of the Brussels Convention, in the case of proceedings which have as their object rights in rem in immovable property or tenancies of immovable property between persons domiciled in a non-Contracting State and relating to an asset in a Contracting State, or, under Article 17 of the Brussels Convention, where an agreement conferring jurisdiction binding at least one party domiciled in a non- Contracting State opts for a court in a Contracting State".

[13] Private International Law, Cheshire, North & Fawcett 15th ed. (2017) paġna 202 li jiċċita lil Owusu v. Jackson Case C-281/02 ECLI:EU:C:2005:120; iċċitata wkoll minn Trevor Hartley, Civil Jurisdiction and Judgments in Europe (2017) para. 2.02, paġna 20Cheshire, op.cit., paġna 203.

33. Għalhekk dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

34. **Il-ħames aggravju** hu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li xorta għandha ġurisdizzjoni minkejja li l-mertu tal-każ jinstab pendenti quddiem Qrati esteri.

35. Dan l-aggravju qiegħed jiġi aċċettat *in parte*, u dan fil-parametri tal-konsiderazzjonijiet magħmula *supra* dwar l-ewwel aggravju.

36. **Is-sitt aggravju** huwa li l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-*forum non conveniens.* Din il-Qorti tinnota li l-Prim'Awla straħet fuq ġurisprudenza Maltija u Ingliża biex ikkonkludiet li Malta hija *forum conveniens.* Il-bażi ġenerali ta' din id-dottrina ġiet imfissra hekk minn Lord Goff fil-House of Lords:

> *"The basic principle is that a stay will only be granted on the ground of forum non conveniens where the court is satisfied that there is some other available forum, having jurisdiction, which is the appropriate forum for trial of the action, ie. in which the case may be tried more suitably for the interests of all the parties and the ends of justice".*[14]

37. Din id-duttrina tippermetti li waħda mill-Qrati kompetituri tiddeċiedi liema Qorti għandha tisma' l-kawża. Hija dottrina żviluppata mid-dritt internazzjonali privat Ingliż. Kif jikteb il-Hartley:

---

[14] Spiliada Maritime Corpn v Cansulex Ltd. (1987) AC 460, iċċitata minn Chesire, North & Fawcett, Private International Law, 15th ed. (Oxfrod University Press 2017) paġna 395.

> *"It is this feature which makes it unsuitable for adoption in the EU system, since the latter is based on the idea of equality of legal systems, something which necessarily precludes a solution in which one of them controls which cases will be heard by the other"*.[15]

38. Il-mekkaniżmu wżat mill-Brussels I huwa dak tal-*lis alibi pendens*, li skontu t-tieni Qorti ċċedi dejjem għall-Ewwel Qorti li tkun ħadet konjizzjoni tal-materja. Il-konvenuta appellanti għamlet ukoll eċċezzjoni abbażi tal-*lis alibi pendens* li sejra tiġi ttrattata iktar 'l isfel. Il-Qrati Maltin segwew il-prattika tal-Qrati Ingliżi dwar *forum non conveniens*, anke jekk din ma tinstabx imniżżla fil-kodiċi ritwali ta' Malta (Kap 12). Għall-każ preżenti japplika r-Regolament ta' Brussels I u għalhekk ma tistax tapplika d-dottrina tal-*forum non conveniens*.

39. Dan l-aggravju mhuwiex qiegħed jiġi milqugħ.

40. **Is-seba' aggravju** hu li jekk il-Qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni, il-kompetenza dwar din il-kwistjoni hija tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni volontarja tagħha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-raġunament tal-Ewwel Qorti li hija l-Prim'Awla li għandha kompetenza meta l-materja tkun kontenzjuża huwa wieħed validu u m'hemmx għalfejn tirrepetih.

41. Anke dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

[15] Trevor Hartley, Civil Jurisdiction and Judgments in Europe (2017) para. 21.01.

42. **It-tmien aggravju** hu li l-Ewwel Qorti applikat ħażin il-prinċipju tal-*lis alibi pendens.*

43. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tirrileva li dan il-prinċipju għandu jiġi applikat skont il-Brussells I u mhux skont il-liġi u ġurisprudenza Maltija. Fit-tieni lok, il-partijiet f'din il-kawża mhumiex kollha l-istess bħal dawk tal-arbitraġġ u dan jeskludi definittament is-sussistenza tal-*lis alibi pendens*. Għalhekk din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-arbitraġġ li hemm pendenti mhuwiex kawża bejn l-istess partijiet, bl-istess talbiet u bl-istess kawżali.

44. Dan l-aggravju huwa wkoll miċħud.

45. **Id-disa' aggravju** huwa dwar l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju. Din l-eċċezzjoni ma tiswiex għaliex f'din il-kawża hemm bħala partijiet il-persuni kollha involuti. Dan fid-dawl li, kif fuq spjegat, il-*finding of fact* dwar l-allegat *abuse of trust*, li jinvolvi terzi persuni, mhuwex sejjer isir f'din il-kawża, billi l-Qorti sejra ssegwi l-ġudizzju tal-arbitraġġ *de quo* u li fih dawn it-terzi huma parti fil-proċeduri.

46. Dan l-aggravju huwa wkoll miċħud.

***Decide***

47. Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' *in parte* l-ewwel u l-ħames aggravji; tiċħad l-aggravji l-oħrajn, tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel seba' eċċezzjonijiet sa fejn konformi ma' din id-deċiżjoni iżda tordna s-sospensjoni tas-smigħ tal-kawża sakemm l-arbitraġġ jinqata' definittivament, b'riżerva li tissokta tisma' l-kawża kemm-il darba sseħħ xi ċirkostanza kkontemplata fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 34 suċċitat tar-Regolament. Tordna li l-proċess jiġi rimess lill-Prim'Awla.

48. Spejjeż ta' dan l-appell jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| Mark Chetcuti | Robert G. Mangion | Grazio Mercieca |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm